MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 478/2004

**Mario Blackman**
**Vs**
**Mary Cuschieri u John Cuschieri u b'digriet tat-Tribunal tal-1 ta Novembru 2005 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem il-konvenut John Cuschieri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta Marzu 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u sitt Liri Maltin (Lm306) rapprezentanti kera dovuta ghas-snin bejn l-1 ta Awissu 1994 u l-ewwel ta Frar 2003.
Bl-ispejjes inkluzi dik ta ittra ufficcjali datata 2 ta Ottubru 2003 u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta kull skadenza;

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fl-10 ta Marzu 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici ghal diversi ragunijiet fosthom dik tal-preskrizzjoni pero` tul il-process, l-eccezzjonijiet preliminari nkluz dik tal-preskrizzjoni kienu

gew irtirati u baqghet biss il-kontestazzjoni fuq il-meritu u cioe dik li l-ammont tal-kera mhux dovut stante li kien gie debitament depositat l-Qorti meta sfat rifjutata mill-attur u dana precizament ghar-raguni halli l-konvenuti jezimu ruhhom minn kul responsabbilita. L-istess argument ingieb fil-konfront tat-talba ghal hlas tal-imghaxijiet.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet u hadet konjizzjoni tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 8 ta Novembru 1993 fl-ismijiet John M Nicholas vs Gaetano Pace et fejn dik il-Qorti kienet irriteniet li “depositu maghmul skond il-ligi jiswa daqs hlas u l-haga depositata tibqa ghar-riskju tal-kreditur”.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti nkluz mid-dokumenti esebiti mill-istess konvenuti Dok A u Dok TA 2 sa Dok TA 6 ghandu jirrizulta li l-flus mitluba mill-attur meritu tal-kawza odjerna jinsabu esebiti l-Qorti in vista tal-fatt li l-attur beda jirrifjuta l-kera peress li kien intavola proceduri kontra l-istess konvenuti quddiem il-Bord kompetenti fejn talab l-izgumbrament taghhom.

Illi permezz ta sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 16 ta Dicembru 2002 rikors numru 52B/96 u esebita f’dawn l-atti bhala Dok TX 2, l-odejrni konvenuti kienu gew ordnati jizgumbraw ‘il barra mill-fond in kwistjoni. Illi minn semplici qari ta’ din is-sentenza ghandu jirrizulta li l-odjern attur kien ferm gustifikata li jirrifjuta l-kera minn ghand il-konvenuti u ghalhekk il-konvenuti ma kienux gustifikati li jsostnu f’kul cedola ta depositu li ghamlu li “liema kera l-intimat ingustament irrifjuta li jaccetta” Di piu ghandu jinghad ukoll li l-attur qua kreditur ghandu kul dritt li jitlob il-hlas tal-kreditu tieghu fl-intier u mhux bin-nieqes jew permezz ta xi pagamenti rateali u ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li l-attur ghandu jaccetta l-kera depositata l-Qorti stante li l-konvenuti stess ghazlu li l-ispejjes relattivi ghal kul cedola ghandhom jitnaqqsu mill-ammont ta kera offruta.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, kwindi jilqa t-talbiet attrici, u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut John Cuschieri jhallas lill-attur is-somma mitluba ta tliet mija u sitt Liri Maltin (Lm306) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu sopportati interament mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------